

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

NRU 144/2016

tat-8 ta' Lulju 2016

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE  
[2018/366]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/371 tal-15 ta' Marzu 2016 li jiċħad l-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, minbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal<sup>(1)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/372 tal-15 ta' Marzu 2016 li jiċħad li jawtorizza indikazzjoni dwar is-saħħa magħmula fuq l-ikel u li tirreferi għat-tnaqqis tar-riskju ta' mard<sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni marbuta mal-oġġetti tal-ikel. Il-leġiżlazzjoni li tirrigwarda l-oġġetti tal-ikel ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fil-prodotti agricoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-introduzzjoni tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.
- (4) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

Il-punti li ġejjin jiddaħħlu wara l-punt 109 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/2314) tal-Kapitolu XII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

- "110. **32016 R 0371:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/371 tal-15 ta' Marzu 2016 li jiċħad l-awtorizzazzjoni ta' ċerti indikazzjonijiet dwar l-effetti tal-prodotti tal-ikel fuq is-saħħa, minbarra dawk li jirreferu għat-tnaqqis tar-riskju tal-mard u għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal (ĠU L 70, 16.3.2016, p. 12).
111. **32016 R 0372:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/372 tal-15 ta' Marzu 2016 li jiċħad li jawtorizza indikazzjoni dwar is-saħħa magħmula fuq l-ikel u li tirreferi għat-tnaqqis tar-riskju ta' mard (ĠU L 70, 16.3.2016, p. 16)."

## Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2016/371 u (UE) 2016/372 bl-Iżlandiż u bin-Norveġiż, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

## Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Lulju 2016, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

<sup>(1)</sup> ĠU L 70, 16.3.2016, p. 12.

<sup>(2)</sup> ĠU L 70, 16.3.2016, p. 16.

(\*) Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

---